# LECTIO DIVINA

# V ĦADD TAL-GĦID (SENA A)

**Ġw 14:1-12**

**[F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:]**

Din is-silta tagħmel parti mid-diskorsi tal-aħħar ta' Ġesù. Il-post huwa ċ-Ċenaklu. Il-klima hija kkaratterizzata mill-*imħabba* tal-Imgħallem li juri lilu nnifsu bħala l-qaddej li jħobb għall-aħħar lil dak li huma tiegħu (cfr *Ġw* 13:1), mid-*dħul* tax-Xitan f'Ġuda l-Iskarjota u t-*tluq* tiegħu mir-Rabbi lejn «il-lejl» tat-tradiment (cfr *Ġw* 13:27-30), mill-*kelma iebsa* li jisma' Xmun Pietru li minkejja d-dikjarazzjonijiet tiegħu ta' fedeltà sejjer jiċħad għal tliet darbiet lil dak li hu [Pietru] kien qal li lest jagħti ħajtu għalih (cfr *Ġw* 13:36-38). Il-mument huwa dak «tas-siegħa tiegħu» (cfr *Ġw* 13:1), tal-glorifikazzjoni tal-Iben u tal-Missier (cfr *Ġw* 13:31), tal-għoti tal-*kmandament il-ġdid* (cfr *Ġw* 13:34-35). Hija sitwazzjoni fejn l-istess Messija jħoss ruħu mħawwad (cfr *Ġw* 13:21). Qalb dan it-taħwid, l-Iben iħeġġeġ lid-dixxipli tiegħu biex jemmnu/jafdaw fiH (cfr *Ġw* 14:1-14) u fl-Ispirtu s-Santu, id-Difensur tagħhom li jakkumpanjahom wara t-tluq tiegħu (cfr *Ġw* 14:15-31).

**«Tħallux qalbkom titħawwad! Emmnu f'Alla, u emmnu fija wkoll.**

L-ewwel diskors tat-tluq (*Ġw* 14) jibda u jintemm bl-istess eżortazzjoni ta' Ġesù lid-dixxipli tiegħu sabiex ma jitħawwdux (vv.1.27). Hu sejjer fejn id-dixxipli ma jistgħux jiġu – din l-assenza tal-Imgħallem tista' toħloq konfużjoni u sens ta' diżorjentament lil dawk li bnew ħajjithom fuqu. It-«taħwid» huwa sentiment li jesperjenza l-istess Iben ta' Alla magħmul bniedem: quddiem il-*mewt* ta' xi ħadd għażiż (cfr *Ġw* 11:13) kif ukoll quddiem il-*mewt* tiegħu stess (cfr *Ġw* 12:27) u quddiem il-*mewt* tal-ħbiberija u fedeltà ta' xi ħadd tal-qrib (cfr *Ġw* 13:21). Huwa mument kritiku fejn it-toroq huma tnejn: jew il-fidi jew l-apostasija, jew il-fedeltà jew it-tradiment, jew l-abbandun f'Alla jew l-abbandun fid-disperazzjoni. Is-sejħa ta' Kristu hija waħda ta' fedeltà biex id-dixxiplu jagħmel il-qalb. Hija sejħa tixbah lil dik ta' Mosè fl-aħħar tislima lil Poplu li kien mexxa sa "xifer" l-Art Imwiegħda: «Agħmlu l-ħila u qawwu qalbkom; tibżgħux u titregħdux quddiemhom; għax hu, il-Mulej, Alla tiegħek, se

jimxi miegħek; mhux se jħallik, u anqas jitilqek.» (*Dt* 31:6; cfr *Eż* 14:13). F'sitwazzjoni ta' taħwid, id-dixxiplu għandu jagħmel il-pass tal-fidi f'Alla u f'Ġesù għaliex hu u l-Missier huma «ħaġa waħda» (*Ġw* 10:30). Il-fiduċja fiH hija l-uniku atteġġjament li jżomm lid-dixxiplu sħiħ għaliex «fil-kwiet u fil-fiduċja qiegħda l-qawwa tagħkom» (*Is* 30:15). "San Ġwann fisser l-importanza tar-rabta personali ma' Ġesù għall-fidi tagħna permezz tal-użu varju tal-verb *emmen*. Flimkien ma' *"nemmnu li"* hu minnu dak li Ġesù jgħidilna (cfr *Ġw* 14:10; 20:31), Ġwanni jinqeda wkoll bil-frażi *"nemmnu lil"* Ġesù u *"nemmnu f'"*Ġesù. *"Nemmnu lil"* Ġesù meta nilqgħu l-kelma tiegħu, ix-xhieda tiegħu, għax hu jgħid is-sewwa (cfr *Ġw* 6:30). "*Nemmnu f*"'Ġesù meta nilqgħuh personalment f'ħajjitna u nafdaw fih, ningħaqdu miegħu fl-imħabba u nimxu warajh matul it-triq (cfr *Ġw* 2:11; 6:47; 12:44)." (*Lumen fidei* 18).

**Fid-dar ta' Missieri hemm ħafna postijiet. Li ma kienx hekk, kont ngħidilkom. Sejjer inħejjilkom fejn toqogħdu.**

Id-«dar tal-Missier» mhijiex xi post tal-ġebel imma l-*imkien* fejn il-bniedem ikun jgħammar f'Alla u Alla fih: «Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu.» (*Ġw* 14:23). Hija «għamara» differenti minn dik tal-art li tiġġarraf għax din «maħduma mhux bl-idejn, imma xogħol ta' Alla, għal dejjem fis-sema» (*2Kor* 5:1). Anzi, jekk il-frażi «id-dar ta' Missieri» hija użata minn Ġesù biex jirreferi għat-Tempju mibni ta' Ġerusalemm (cfr *Ġw* 2:16), issa huwa ġismU stess it-Tempju (cfr *Ġw* 2:21) li fih Alla jiġi meqjum fl-ispirtu u fil-verità (cfr *Ġw* 4:24). Ġesù huwa attent li ma jnissilx f'qalb id-dixxipli li jħobb id-dubju li ser jabbandunahom minkejja li għalissa ma jistgħux imorru fejn sejjer Hu (cfr *Ġw* 13:36). Minkejja li spiss kien widdibhom kontra ambizzjonijiet ta' setgħa u ħakma fuq din l-art, frott kunċett terren tas-Saltna ta' Alla (cfr *Mt* 18:2-4; *Mk* 9:34-37; *Lq* 22:25-26), hu jurihom li fejn sejjer – jintrefa' 'l fuq mill-art – ħa jmur *għalihom,* biex ikollhom fejn joqogħdu. Id-dixxipli jeħtieġ *jafdaw* u *jemmnu* li dak li jidher apparentament bħala *abbandun* huwa fil-fatt *att sabiex ikunu jistgħu jgħammru fiH għal dejjem*. «Din it-tama hija għalina bħal ankra tar-ruħ, sħiħa u qawwija; biha aħna nidħlu 'l ġewwa mill-velu, fejn qabilna daħal Ġesù għalina meta sar għal dejjem il-qassis il-kbir skont l-ordni ta' Melkisedek.» (*Lhud* 6:19-20).

**U meta mmur u nħejjilkom post, nerġa' niġi biex neħodkom miegħi biex, fejn inkun jien, tkunu intom ukoll. U t-triq għall-post fejn sejjer tafuha.**

Is-Salib – l-għotja tal-Iben frott l-imħabba – jiftaħ l-aċċess għall-ħajja fi Kristu. Li 'l hinn minn din «t-triq» tal-imħabba mogħtija m'hemmx mod ieħor kif *jeħodna għandu* (cfr *Ġw* 7:33.36; 12:32). Id-dixxiplu msejjaħ jimxi fuq il-passi tal-Imgħallem tiegħu sabiex ikun fejn ikun Hu: «Jekk xi ħadd irid jaqdini, hu għandu jimxi warajja; u fejn inkun jien, hemm ukoll ikun il-qaddej tiegħi. Min jaqdi lili, il-Missier jagħtih ġieħ.» (cfr *Ġw* 12:26).

**Tumas qallu: «Mulej, aħna ma nafux fejn inti sejjer. Kif nistgħu nafu t-triq?**

Tumas huwa x-xbieha tad-dixxiplu li jsibha bi tqila biex jifhem din it-*triq tal-għotja ta' Ġesù*. Hu bħal jidher lest li *jmut ma' Ġesù* (*Ġw* 11:16) imma mhux li *jħalli lil Ġesù jmut ħalli jħejjilu post* permezz tal-mewt tiegħu. Għal Tumas hemm it-*triq tal-ħajja ta' din l-art* imma mhux it-*triq tal-ħajja ta' dejjem* li tinkiseb bil-passjoni, mewt u qawmien ta' Kristu mill-imwiet (cfr *Ġw* 20:24-29). Għad-dixxiplu l-imħabba ta' Kristu hija t-*triq* li tisboq il-mewt – mhijiex solidarjetà limitata għal din l-art, imma t-*triq* għall-ħajja vera. Bħal Tumas, id-dixxiplu jeħtieġ jimmatura spiritwalment (*Lhud* 5:11-12).

**Wieġbu Ġesù: «Jiena hu t-triq, il-verità u l-ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi. Kieku għaraftu lili, kontu tagħrfu wkoll lil Missieri: minn issa 'l quddiem tagħrfuh, anzi diġà rajtuh.»**

It-«triq tal-Mulej» (cfr *Atti* 9:2; 18:25; 24:22) mhijiex sempliċi ġabra ta' liġijiet jew xi kodiċi ta' mġiba imma hija l-ħajja tad-dixxiplu li hija *mħaddna* mill-Iben li hu mal-Missier, li hu fi ħdanu u għarrafhulna (*Ġw* 1:18). Ma tinvolvix biss l-estern imma l-interjorità li timtela b'dik l-imħabba li tagħmilha possibli għall-bniedem li jagħraf lil Missier: «Għeżież, ejjew inħobbu 'l xulxin, għax l-imħabba ġejja minn Alla, u kull min iħobb hu mwieled minn Alla u jagħraf lil Alla.» (*1Ġw* 4:7). Ġesù, li huwa t-triq, idawwal lil kull bniedem u jurih il-verità tiegħu ta' iben maħbub tal-Missier: «Imma nafu wkoll li l-Iben ta' Alla ġie u tana d-dehen biex nagħrfu 'l Alla l-veru. U aħna ninsabu f'Alla l-veru, f'Ibnu Ġesù Kristu. Dan hu Alla l-veru, u l-ħajja ta' dejjem.» (*1Ġw* 5:20). Huwa u jurina li Alla huwa mħabba, iwassalna għall-ħajja vera. Għalhekk id-dixxiplu għandu *jafda ħajtu* fi Kristu biex hekk jimxi fit-«*triq* tal-*verità*» li tagħtih il-*ħajja*: «Jekk xi ħadd jaqbeż 'il barra u ma jibqax fit-tagħlim ta' Kristu, dan

m'għandux lil Alla fih. Imma min jibqa' fit-tagħlim, għandu l-Missier u l-Iben fih.» (*2Ġw* 1:9; cfr *2Ġw* 1:4)

**Qallu Filippu: «Mulej, urina l-Missier, u jkun biżżejjed għalina.»**

Filippu huwa x-xbieha tad-dixxiplu li jsemma' l-karba għatxana għal Alla li tgħammar f'kull bniedem: «"Ejja," għedt f'qalbi, "fittex 'il wiċċu"; jien wiċċek infittex Mulej» (*S* 27:8; cfr *Eż* 33:18; *S* 42:1.3.12). Filwaqt li x-xewqa hija sinċiera, in-nuqqas ta' fidi twassal biex Filippu ma jindunax li x-xewqa tiegħu ilha li seħħet minn dakinhar li Ġesù ta' Nażaret sejjaħlu għal warajh fost l-ewwel dixxipli tiegħu (cfr *Ġw* 1:43). Filippu jidher bħala d-*dixxiplu* tal-analiżi: jaf x'hemm f'qalbu... imma fl-istess ħin jista' jkun li din l-istess *introspezzjoni* issir *esklużjoni* ta' dak kollu li jagħmel parti mill-"imprevedibilità" tal-mod kif Alla juri lilu nnifsu lil bniedem (cfr *Ġw* 6:7). Id-dixxiplu jista' jkun il-*messaġġier* ta' oħrajn li jridu jaraw lil Ġesù (cfr *Ġw* 12:20-21), imma ma jintebahx li hu stess għadu ma *rahx* bl-għajnejn tal-fidi bħala l-wiċċ tal-Missier, ta' dak Alla li hu «biżżejjed għalina».

**Ġesù wieġeb: «Ili daqshekk magħkom, Filippu, u għadek ma għaraftnix? Min ra lili ra lill-Missier. Kif tgħidli: "Urina l-Missier?" Ma temminx li jiena fil-Missier u l-Missier fija? [...] Emmnuni! Jiena fil-Missier u l-Missier huwa fija. Jekk mhux għal ħaġ'oħra, emmnuni minħabba dawk l-opri stess.**

Ġesù huwa dak li jirrivela lil Missier, li *jgħid* dak li *jisma'* mingħand il-Missier, u li *jwettaq l-opri* tiegħu (cfr *Ġw* 3:34; 10:37). Hija r-rieda tal-Iben li jwettaq l-opri tal-Missier (cfr *Ġw* 4:34) li jitolbu mid-dixxiplu li jasal biex jemmen li Ġesù huwa l-Iben ta' Alla. L-*opri* kollha mwettqa mill-Iben huma tal-Missier u għandhom iwassal għall-għarfien tal-Missier – id-dixxiplu jrid imur aktar il-fond ta' dak li "jara" u "jisma'" u aktar milli bis-sensi esterjuri jagħraf bis-sensi interjuri lil Dak li qed iwettaq u qed jitkellem, u jemmen fiH u fil-Missier.

**Tassew tassew ngħidilkom, min jemmen fija hu wkoll għad jagħmel l-opri li qiegħed nagħmel jien, u akbar minnhom għad jagħmel, għax jiena sejjer għand il-Missier.»**

Minflok jaqa' fid-disperazzjoni quddiem it-tluq tal-Imgħallem, id-dixxiplu għandu jemmen li fil-post fejn sejjer l-Iben («għand il-Missier»), l-Iben u l-Missier ser jagħtuh il-qawwa tal-

Ispirtu li tgħinu jkompli jwettaq fih il-missjoni tal-Iben u jagħmel l-opri tal-Missier – huma l-opri tal-*fedeltà* f'Alla li jwassluh biex jirbaħ dawk id-dubji u l-infedeltajiet li jbegħduh minnu: huma l-opri tal-*imħabba* li jonfoħ l-Iben flimkien mal-Missier (cfr *Ġw* 16:7; *1Kor* 13:1-3; *Rum* 15:9).